

Prodott mediċinali li m'għadux awtorizzat

ANNES 1
KARATTERISTIĊI TAL-PRODOTT FIL-QOSOR

1. ISEM TAL-PRODOTT MEDIĊINALI VETERINARJU

AFTOVAXPUR DOE emulsjoni għal injezzjoni għal baqar, nagħaġ, u ħnieżer.

2. KOMPOŻIZZJONI KWALITATTIVA U KWANTITATTIVA

Kull doża ta' 2 ml ta' emulsjoni fiha:

Sustanzi Attivi:

Massimu ta' tlieta mis-segwentli strejns tal-vajrus purifikati u inattivati tal-marda tal-ilsien u d-dwiefer:

O1 Manisa	≥ 6 PD ₅₀ *
O1 BFS	≥ 6 PD ₅₀ *
O Taiwan 3/97	≥ 6 PD ₅₀ *
A22 Iraq	≥ 6 PD ₅₀ *
A24 Cruzeiro	≥ 6 PD ₅₀ *
A Turkey 14/98	≥ 6 PD ₅₀ *
Asia 1 Shamir	≥ 6 PD ₅₀ *
SAT2 Għarabja Sawdita	≥ 6 PD ₅₀ *

*PD₅₀: 50% doża protettiva fil-baqar kif deskritta fil-monografu Ph.Eur. 0063.

In-numru u t-tip ta' strejns inklużi fil-prodott finali jiġu adattati għas-sitwazzjoni epidemjoloġika attwali fil-waqt tal-formulazzjoni tal-prodott finali u jkunu jidher fuq it-tikketta.

Aġġuvant:

Paraffin likwidu..... 537 mg

Ingredjenti mhux attivi

Għal-lista sħiħa tal-ingredjenti mhux attivi, ara s-sezzjoni 6.1.

3. GĦAMLA FARMAĊEWTIKA

Emulsjoni għal injezzjoni

Emulsjoni bajda wara li tħawwad

4. TAGĦRIF KLINIKU

4.1 Speċi li fuqhom ser jintuża l-prodott

Baqar, nagħaġ u ħnieżer.

4.2 Indikazzjonijiet għal użu tal-prodott li jispeċifikaw l-ispeċi li fuqhom se jintuża l-prodott

Immunizzazzjoni attiva tal-baqar, nagħaġ u ħnieżer, 'il fuq minn ġimagħtejn kontra l-marda tal-ilsien u l-dwiefer biex tnaqqas sinjali kliniċi.

Biċċ tal-immunità

Baqar u nagħaġ: 7 ijiem wara t-tilqim.

Ħnieżer: 4 ġimgħat wara t-tilqim.

4.3 Kontraindikazzjonijiet

Xejn

4.4 Twissijiet speċjali għal kull speċi li għaliha hu indikat il-prodott

Laqqam annimali f'saħħithom biss. Antikorpi derivati mill-omm jistgħu jinterferixxu mat-tilqim. L-iskeda għandha tiġi aġġustata kif meħtieġ (ara sezzjoni 4.9).

Meta ħnieżer żgħar ħafna (ta' ġimagħtejn) għandhom jitlaqqmu, tilqim mill-ġdid ta' 8 sa 10 ġimgħat huwa rrikmandat.

4.5 Prekawzjonijiet speċjali għall-użu

Prekawzjonijiet speċjali għall-użu fl-annimali

Xejn.

Prekawzjonijiet speċjali li għandhom jittieħdu mill-persuna li tamministra l-prodott mediċinali veterinarju lill-annimali

Għal min se juża:

Dan il-prodott mediċinali veterinarju fih żejt minerali. Injezzjoni bi żball jew jekk tinjetta lilek innifsek jista' jirriżulta f'uġiġħ kbir u nefħa speċjalment jekk tinjetta f'gog jew saba' u f'każijiet rari jista' jkun li tinfexx subgħajk jekk ma tingħatax għajnnu medika mill-ewwel.

Jekk tiġi injettat bi żball b'dan il-prodott mediċinali veterinarju, fittex għajnnu medika mill-ewwel, anke jekk ġie injettat ammont żgħir ħafna, u hu l-fuljett tal-tagħrif miegħek. Jekk l-uġiġħ idum għal aktar minn tmax-il siegħa, wara l-eżami mediku, erga' hu parir mediku.

Għat-tabib:

Dan il-prodott mediċinali veterinarju fih żejt minerali. Anke jekk ġew injettati ammonti żgħar, injezzjoni bi żball ta' dan il-prodott tista' tikkawża nefħa intensa, li tista' per eżempju tikkawża nekrożi iskimika u anke l-bżonn li jinqata' xi saba'. Attenzjoni, FIL-PRONT, minn kirurgu espert hi meħtieġa u jista' jkun hemm bżonn li jinfetaħ is-saba' u tiġi irrigata l-parti fejn seħħet l-injezzjoni, speċjalment fejn hemm il-laħam tas-saba' jew l-għerq tal-muskolu.

4.6 Effetti mhux mixtieqa (frekwenza u gravità)

Kien hemm nefħa (dijametru ta' 12 cm f'annimali li jixtarru u 4 cm fil-ħnieżer) b'mod komuni ħafna fil-maġġor parti tal-annimali wara l-għotja ta' doża ta' vaċċin. Dawn l-effetti normalment jgħaddu waħedhom fi żmien 4 ġimgħat wara t-tilqim, iżda jistgħu jippersistu iżjed fit-tul f'numru żgħir ta' annimali.

Ġiet osservata b'mod komuni żieda ħafifa fit-temperatura tar-rektum sa' 1.2° għal 4 ijiem wara t-tilqim bl-ebda sinjali oħra kliniċi ġeneralizzati.

Il-frekwenza ta' effetti mhux mixtieqa hija definita skont din il-konvenzjoni:

- komuni ħafna (aktar minn wieħed f'10 annimali li juru effett(i) mhux mixtieq(a) matul il-perjodu ta' kura waħda)
- komuni (aktar minn wieħed iżda inqas minn 10 annimali f'100 animal)
- mhux komuni (aktar minn wieħed iżda inqas minn 10 annimali f'1,000 animal)
- rari (aktar minn wieħed iżda inqas minn 10 annimali f'10,000 animal)
- rari ħafna (inqas minn animal wieħed f'10,000 animal, inklużi rapporti iżolati).

4.7 Użu fit-tqala, fit-treddiġh u fi żmien il-bidien

Tqala:

Jista' jintuża waqt it-tqala.

Treddiġh:

Is-sigurtà tal-prodott veterinarju mediċinali ma ġietx stabbilita waqt it-treddiġh. Uża biss skont kif il-veterinarju responsabbli jqis il-benefiċċju / riskju tal-prodott.

4.8 Interazzjoni ma' prodotti mediċinali oħra jew forom oħra ta' interazzjoni

M'hemmx informazzjoni dwar is-sigurtà u l-effikaċja ta' dan il-vaċċin jekk jintuża flimkien ma kwalunkwe prodott mediċinali veterinarju ieħor. Id-deċiżjoni sabiex jintuża dan il-vaċċin qabel jew wara xi prodott mediċinali veterinarju ieħor, għaldaqstant għandha tittieħed każ b'każ.

4.9 Ammont li jingħata u l-metodu ta' amministrazzjoni

Omoġenizza l-kontenut tal-fjala billi tħallat bil-mod qabel iddaħħal il-labra. Dan l-anġar tagħmlu billi taqleb il-fjala diversi drabi ta' taħt fuq. Tħallatx il-vaċċin billi tħawwad b'mod qawwi għax dan iwassal biex jinqabdu b'żieqaq tal-arja. Issaħħanx il-prodott qabel l-użu.

Applika l-proċeduri aseptiċi tas-soltu. Evita kontaminazzjoni tal-vaċċin wara li jinfetaħ għall-ewwel darba u waqt l-użu.

L-ewwel vaċċinazzjoni:

Baqar 'il fuq minn ġimagħtejn: doża waħda ta' 2 ml, taħt il-ġilda
Nagħaġ 'il fuq minn ġimagħtejn: doża waħda ta' 2 ml, taħt il-ġilda
Ħnieżer 'il fuq minn ġimagħtejn: doża waħda ta' 2 ml, taħt il-ġilda
L-użu ta' tagħmir li bih tista' tingħata injezzjoni multipla huwa rakkomandat.

Ripetizzjoni tal-vaċċinazzjoni: kull sitt xhur.

Meta annimali għandhom jitlaqqmu bil-preżenza ta' antikorpi derivati mill-omm, tilqim mill-ġdid ta' 8 sa' 10 ġimgħat huwa rrikmandat.

4.10 Doża eċċessiva (sintomi, proċeduri ta' emerġenza, antidoti), jekk ikun hemm bżonn

L-ebda effett mhux mixtieq ħlief dawk inncemmija f'sezzjoni 4.6. ma ġie osservat wara l-għotja ta' doża doppja lil għoġiela, ħrief u drafeġ. F'xi każi jista' jkun hemm xi ulċerazzjoni fil-post tal-injezzjoni. Wara l-għotja ripetuta f'intervalli qsar, l-intensità ta' dawn l-effetti tista' tiżdied.

4.11 Perjodu(i) ta' tiżmin

Xejn.

5. KWALITÀ U TEST IMMUNOLOĠIĊI

Grupp farmakewtiku: vaċċin virali inattivat.

Kodiċi ATC veterinarja: QI02AA04.

Biex jattinola immunità attiva fil-baqar, nagħaġ, u ħnieżer kontra l-antiġeni purifikati, inattivati tal-istrejns ta' -vajrus tal-marda tal-ilsien u d-dwiefer relatati ma' dawk tal-vaċċin.

Fil-provi ġie muri dan li ġej: Tilqim ta' baqar bl-istrejns O1 Manisa, O1 BFS, A22Iraq, A24 Cruzeiro, A Turkey 14/98 Asia 1 Shamir u SAT2 Għarabja Sawdita wassal għal tnaqqis fis-sinjali kliniċi f'annimali esposti għall-infezzjoni.

Tilqim ta' nagħaġ bl-istrejns O1 Manisa wassal għal tnaqqis fis-sinjali kliniċi f'annimali esposti għall-infezzjoni.

Tilqim ta' ħnieżer bl-istrejns Asia 1 Shamir wassal għal tnaqqis fis-sinjali kliniċi u tixrid tal-vajrus f'annimali esposti għall-infezzjoni. Tilqim ta' ħnieżer bl-istrejns O Taiwan 3/97 u A22 Iraq wassal għal tnaqqis fis-sinjali kliniċi f'annimali esposti għall-infezzjoni.

L-antiġeni inattivati tal- marda tal-ilsien u d-dwiefer huma ppurifikati u ma fihomx ammonti suffiċjenti ta' *non-structural proteins* (NSP) biex jinduċi rispons tal-antikorp wara l-għotja ta' vaċċin trivalent li fih ammont ta' antigen li jikkorrispondi ma' mill-inqas 15 PD₅₀ għal kull strejn għal kull doża ta' 2 ml.

L-ebda antikorp għal NSP ma ġie misjub meta ntuża t-test kit PrioCHECK® FMDV NS:

- fil-baqar wara l-għotja ta' doża doppja segwita minn doża waħda 7 ġimgħat wara u t-tielet tilqima b'doża waħda 13-il ġimgħa wara t-tieni doża,
- fin-nagħaġ wara l-għotja ta' doża doppja segwita minn doża waħda 5 ġimgħat wara u t-tielet tilqima b'doża waħda 7 ġimgħat wara t-tieni doża,
- fil-ħnieżer wara l-għotja ta' doża doppja segwita minn doża waħda 3 ġimgħat wara u t-tielet tilqima b'doża waħda 7 ġimgħat wara t-tieni doża.

6. TAGĦRIF FARMAĊEWTIKU

6.1 Lista ta' ingredjenti

Paraffin, likwidu
Mannide mono-oleate
Polysorbate 80
Trometamol
Sodium chloride
Potassium dihydrogen phosphate
Potassium chloride
Disodium phosphate anhydrous
Potassium hydroxide
Ilma għal injezzjonijiet.

6.2 Inkompatibilitajiet maġġuri

Tużax flimkien ma' prodotti mediċinali veterinarji oħra.

6.3 Żmien kemm idum tajjeb il-prodott mediċinali

Żmien kemm idum tajjeb il-prodott mediċinali veterinarju li ma fihx l-istrejn Asia 1 Shamir kif ippakkjat għall-bejgħ: 6 xhur

Żmien kemm idum tajjeb il-prodott mediċinali veterinarju li fih l-istrejn Asia 1 Shamir kif ippakkjat għall-bejgħ: xahrejn.

Żmien kemm idum tajjeb wara li jinfetaħ l-ippakkjar li jmiss mal-prodott: uża immedjatament

6.4 Tagħrif speċjali dwar kif għandu jinħażen

Aħżen u ttrasporta ġo friġġ (2 °C – 8 °C).

Tagħrif fil-friża

Ipprotteġi mid-dawl.

6.5 In-natura u l-għamla tal-ippakkjar li jmiss mal-prodott

Flixxun tal-polypropylene bit-tapp tan-nitrile elastomer u ssiġillat b'tapp tal-aluminju.

Daqsijiet tal-pakkett:

- Kaxxa tal-kartun bi flixxun ta' 10, 25, 50, 100 jew 150 doża.
- Kaxxa tal-kartun b'10 fliexken ta' 10, 25, 50, 100 jew 150 doża.

Mhux id-daqsijiet kollha tal-pakkett jistgħu qegħdin fis-suq.

6.6 Prekawzjonijiet speċjali għar-rimi tal-prodotti mediċinali veterinarji mhux użati jew materjal ieħor għar-rimi li huwa derivat minn dawn il-prodotti

Kwalunkwe prodott mediċinali veterinarju li ma ġiex użat jew materjal għar-rimi li huwa derivat minn dan il-prodott mediċinali veterinarju għandhom jintremew skont kif jitolbu r-regolamenti tal-pajjiż.

7. DETENTUR TAL-AWTORIZZAZZJONI GĦAT-TQEGĦID FIS-SUQ

Boehringer Ingelheim Vetmedica GmbH
55216 Ingelheim/Rhein
IL-ĠERMANJA

8. NUMRU(I) TAL-AWTORIZZAZZJONI(JIET) GĦAT-TQEGĦID FIS-SUQ

EU/2/13/153/001-850

9. DATA TAL-EWWEL AWTORIZZAZZJONI / TIĠDID TAL-AWTORIZZAZZJONI

Data tal-ewwel awtorizzazzjoni: 15/07/2013

Data tal-aħħar tiġdid: 14/06/2018

10. DATA TA' REVIŻJONI TAT-TEST

JJ/XX/SSSS

Informazzjoni dettaljata dwar dan il-prodott mediċinali veterinarju tinstab fuq il-websajt tal-Aġenzija Ewropea dwar il-Mediċini <http://www.ema.europa.eu/>.

PROJBIZZJONI TA' BEJGĦ, PROVVISTA U/JEW UŻU

Kull persuna li turi l-intenzjoni li timmanifattura, timporta, tippossjedi, tbigħ, tipprovdi u tuża dan il-prodott veterinarju mediċinali għandha l-ewwel tikkonsulta mal-Awtorità Kompetenti tal-Istat Membru dwar il-programmi ta' tilqim kurrenti peress li dawn l-attivitajiet jistgħu jkunu projbiti fi Stat Membru fit-territorja konnu tiegħu jew f'parti minnu taħt leġislazzjoni nazzjonali.

L-użu ta' dan il-prodott veterinarju mediċinali huwa permess biss skont il-kundizzjonijiet partikolari stabbiliti permezz tal-leġislazzjoni tal-Komunità Ewropea dwar il-kontroll tal-marda tal-ilsien u d-dwiefer.

ANNEX I

- A. MANIFATTUR TAS-SUSTANZI BIJOLĠIĊI ATTIVI U
MANIFATTUR RESPONSABBLI GĦALL-ĦRUĠ TAL-LOTT**
- B. KONDIZZJONIJIET JEW RESTRIZZJONIJIET RIGWARD IL-
PROVVISTA U L-UŻU**
- Ċ. DIKJARAZZJONI TAL-MRLs**

A. MANIFATTUR TAS-SUSTANZI BIJOLOĠIĊI ATTIVI U MANIFATTUR RESPONSABBLI GĦALL-ĦRUĠ TAL-LOTT

Isem u indirizz tal-manufattur tas-sustanzi bijoloġiċi attivi

BOEHRINGER INGELHEIM ANIMAL HEALTH Netherlands B.V.
Houtribweg 39
8221 RA Lelystad
The NETHERLANDS

Isem u indirizz tal-manifattur responsabbli mill-ħruġ tal-lott.

Boehringer Ingelheim Animal Health France SCS
Laboratoire Porte des Alpes
Rue de l'aviation
69800 Saint Priest
FRANZA

B. KONDIZZJONIJIET JEW RESTRIZZJONIJIET RIGWARD IL-PROVVISTA U L-UŻU

Prodott mediċinali veterinarju li jingħata bir-riċetta.

Skont l-Artikolu 71 tad-Direttiva 2001/82/KEE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, kif emendata, Stat Membru jista', skont il-liġijiet nazzjonal tiegħu, jipprova jixxi l-manifattura, l-importazzjoni, il-pussess, il-bejgħ, il-forniment u/jew l-użu ta' prodotti mediċinali veterinarji immunoloġiċi fit-territorju sħiħ tiegħu jew parti minnu jekk jiġi stabbilit illi:

- a) l-għotja tal-prodott lil annimali tinte ferixxi mal-implimentazzjoni ta' programm nazzjonali għad-djanjosi, il-kontroll jew l-eradikazzjoni tal-mard tal-annimali, jew tikkawża diffikultajiet fiċ-ċertifikazzjoni tal-assenza ta' kontaminazzjoni f'annimali haġjin jew f'ikel jew prodotti oħrajn li jiġu minn annimali kkarati;
- b) il-marda li għaliha l-prodott huwa intiż li jagħti immunità hija ġeneralment assenti mit-territorju konċernat.

L-użu ta' dan il-prodott veterinarju mediċinali huwa permess biss skont il-kundizzjonijiet partikolari stabbiliti permezz tal-leġislazzjoni tal-Komunità Ewropea dwar il-kontroll tal-marda tal-ilsien u d-dwiefer.

C. DIKJARAZZJONI TAL-MRLs

Is-sustanza attiva li hija prinċipju ta' oriġini bijoloġiku maħsuba sabiex tipproduċi immunità attiva ma taqax fi ħdan l-iskop tar-Regolament (KE) Nru 470/2009.

L-addittivi (inkluż l-aġġuvanti) elenkati f' sezzjoni 6.1 tal-Karatteristiċi tal-Prodott fil-Qosor huma jew sustanzi ammissibbli li għalihom m'hemmx bżonn ta' limiti massimi ta' residwi kif indikat fit-tabella numru 1 tal-anness tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 37/2010 jew huma kunsidrati li ma jaqgħux fi ħdan l-iskop tar-Regolament (KE) Nru 470/2009 meta użati bħal f' dan il-prodott mediċinali veterinarju.

Prodott mediċinali li m'għadux awtorizzat

ANNEX I

TIKKETTA UL-FULJET TA' TAGĦRIF

Prodott mediċinali li m'għadux awtorizzat

A. TIKKETTA

TAGĦRIF LI GĦANDU JIDHER FUQ IL-PAKKETT TA' BARRA

Kaxxa tal-kartun

1. ISEM TAL-PRODOTT MEDIĊINALI VETERINARJU

AFTOVAXPUR DOE emulsjoni għal injezzjoni għal baqar, nagħaġ u ħnieżer

2. DIKJARAZZJONI TAS-SUSTANZA ATTIVA

Antigen inattivat tal-FMD, > 6 PD₅₀ fil-baqar għal kull strejn

3. GĦAMLA FARMAĊEWTIKA

Emulsjoni għal injezzjoni

4. DAQS TAL-PAKKETT

10 dożi
25 doża
50 doża
100 doża
150 doża
10 x 10 dożi
10 x 25 doża
10 x 50 doża
10 x 100 doża
10 x 150 doża

5. SPEĊI GĦAL XIEX HUWA INDIKAT IL-PRODOTT

Baqar, nagħaġ u ħnieżer:



6. INDIKAZZJONI(JIET)

7. METODU U MOD(I) TA' AMMINISTRAZZJONI

Baqar u nagħaġ: għal użu taħt il-ġilda
Ħnieżer: għal użu ġol-muskoli.

Aqra l-fuljett ta' tagħrif qabel l-użu.

8. ŻMIEN TA' TIŻMIM

Żmien ta' tiżmim: xejn

9. TWISSIJET SPEĊJALI OĦRA, JEKK MEĦTIEĠ

Jekk tinjetta bi żball huwa perikoluż -

10. DATA TA' SKADENZA

Jiskadi {xahar/sena}

Ladarba jinfetaħ uża fil-pront

11. KUNDIZZJONIJIET SPEĊJALI DWAR KIF GĦANDU JINĦAŻEN

Aħżen u ttrasporta ġo friġġ (2 °C – 8 °C).

Tagħmlux fil-friża

Ipproteġi mid-dawl.

12. PREKAWZJONIJIET SPEĊJALI DWAR IR-RIMI TA' PRODOTTI MHUX UŻATI JEW MATERJAL IEĦOR GĦAR-RIMI, JEKK JI KUN IL-KAŻ

Rimi: aqra l-fuljett ta' tagħrif.

13. IL-KLIEM “GĦALL-KURA TAL-ANIMALI BISS” U KUNDIZZJONIJIET JEW RESTRIZZJONIJIET DWAR IL-PROVVISTA U L-UŻU, JEKK APPLIKABBLI

Għall-kura tal-animali biss. Għandu jingħata biss b'riċetta veterinarja.

L-importazzjoni, il-bejgħ, il-provvista u/jew l-użu tal-prodott mediċinali veterinarju huwa jew jista' jiġi pprojbit fi Stat Membru ta' territorju kollu tiegħu jew f'parti minnu, ara l-fuljett ta' tagħrif għal aktar informazzjoni.

14. IL-KLIEM “ŻOMM FEJN MA JIDHIRX U MA JINTLAĦAQX MIT-TFAL”

Żomm fejn ma jidhirx u ma jintlaħaqx mit-tfal.

15. L-ISEM U L-INDIRIZZ TAD-DETENTUR TAL-AWTORIZZAZZJONI GĦAT-TQEGĦID FIS-SUQ

Boehringer Ingelheim Vetmedica GmbH
55216 Ingelheim/Rhein
IL-ĠERMANJA

16. NUMRU/I TAL-AWTORIZZAZZJONI GĦAT-TQEGĦID FIS-SUQ

EU/2/13/153/001-850

17. NUMRU TAL-LOTT TAL-MANIFATTUR

Lott {numru}

Prodott mediċinali li m'għadux awtorizzati

TAGĦRIF LI GĦANDU JIDHER FUQ IL-PAKKETT LI JMISS MAL-PRODOTT

Flixkun ta' 50,100 u 150 doża

1. ISEM TAL-PRODOTT MEDIĊINALI VETERINARJU

AFTOVAXPUR DOE

Emulsjoni għal injezzjoni għal baqar, nagħaġ u ħnieżer

2. DIKJARAZZJONI TAS-SUSTANZA ATTIVA

Antigen inattiv tal-FMD, > 6 PD₅₀ fil-baqar għal kull strejn

3. GĦAMLA FARMAĊEWTIKA

Emulsjoni għal injezzjoni

4. DAQS TAL-PAKKETT

50 doża

100 doża

150 doża

5. SPEĊI GĦAL XIEX HUWA INDIKAT IL-PRODOTT

Baqar, nagħaġ u ħnieżer



6. INDIKAZZJONI (JIET)

7. METODU U MOD(I) TA' AMMINISTRAZZJONI

Baqar u nagħaġ: SC

Ħnieżer: IM

Aqra l-ruljett ta' tagħrif qabel l-użu.

8. ŻMIEN TA' TIŻMIM

Żmien ta' tiżmim: xejn

9. TWISSIJET SPEĊJALI OĦRA, JEKK MEĦTIEĠ

Jekk tinjetta bi żball huwa perikoluż -

10. DATA TA' SKADENZA

EXP{xahar/sena}

Ladarba jinfetħ uża fil-pront

11. KUNDIZZJONIJIET SPEĊJALI DWAR KIF GĦANDU JINĦAŻEN

Aħżen u ttrasporta ġo friġġ.

Tagħmlux fil-friża

Ipproteġi mid-dawl.

12. PREKAWZJONIJIET SPEĊJALI DWAR IR-RIMI TA' PRODOTTI MHUX UŻATI JEW MATERJAL IEĦOR GĦAR-RIMI, JEKK IKUN IL-KAŻ

13. IL-KLIEM "GĦALL-KURA TAL-ANIMALI BISS" U KUNDIZZJONIJIET JEW RESTRIZZJONIJIET DWAR IL-PROVVISTA U L-UŻU, JEKK APPLIKABBLI

Għall-kura tal-animali biss. Għandu jingħata biss b'riċetta veterinarja.

14. IL-KLIEM "ŻOMM FEJN MA JIDHIRX U MA JINTLAĦAQX MIT-TFAL"

15. L-ISEM U L-INDIRIZZ TAD-DETENTUR TAL-AWTORIZZAZZJONI GĦAT-TQEGĦID FIS-SUQ

Boehringer Ingelheim Vetmedica GmbH

55216 Ingelheim/Rhein

IL-ĠERMANJA

16. NUMRU TAL-AWTORIZZAZZJONI GĦAT-TQEGĦID FIS-SUQ

EU/2/13/153/001-850

17. NUMRU TAL-LOTT TAL-MANIFATTUR

LOT{numru}

TAGĦRIF MINIMU LI GĦANDU JIDHER FUQ UNITAJIET ŻĠGAR TA' IPPAKKJAR LI JMISS MAL-PRODOTT

Flixkun ta' 10 jew 25 doża

1. ISEM TAL-PRODOTT MEDIĊINALI VETERINARJU

AFTOVAXPUR DOE

Emulsjoni għal injezzjoni għal baqar, nagħaġ u ħnieżer



2. KWANTITÀ TAS-SUSTANZA(I) ATTIVA(I)

Antigen tal-FMD ≥ 6 PD₅₀ għal kull strejn

3. KONTENUT BĦALA PIŻ, VOLUM JEW NUMRU TA' DOŻI

10 dożi

25 doża

4. MOD(I) TA' AMMINISTRAZZJONI

Baqar, nagħaġ: SC.

Ħnieżer: IM.

5. ŻMIEN TA' TIŻMIM

Żmien ta' tiżmim: Xejn

6. NUMRU TAL-LOT

LOT{numru}

7. DATA TA' SKADENZA

EXP {xal/ar/sena}

Li darba jinfetaħ uża fil-pront.

8. IL-KLIEM "GĦALL-KURA TAL-ANIMALI BISS"

Għall-kura tal-animali biss.

Prodott mediċinali li m'għadux awtorizzat

B. FULJETT TA' TAGRIEF

FULJETT TA' TAGĦRIF:

AFTOVAXPUR DOE emulsjoni għal injezzjoni għal baqar, nagħaġ u ħnieżer

1. L-ISEM U L-INDIRIZZ TAD-DETENTUR TAL-AWTORIZZAZZJONI GĦAT-TQEGĦID FIS-SUQ U TAD-DETENTUR TAL-AWTORIZZAZZJONI GĦALL-MANIFATTURA RESPONSABBLI GĦALL-ĦRUĠ TAL-LOTT, JEKK DIFFERENTI

Detentur tal-awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq:

Boehringer Ingelheim Vetmedica GmbH
55216 Ingelheim/Rhein
IL-ĠERMANJA

Manifattur responsabbli għal ħruġ tal-lott:

Boehringer Ingelheim Animal Health France SCS
Laboratoire Porte des Alpes
Rue de l'Aviation
69800 Saint Priest
Franza

2. ISEM TAL-PRODOTT MEDIĊINALI VETERINARJU

AFTOVAXPUR DOE emulsjoni għal injezzjoni għal baqar, nagħaġ u ħnieżer

3. DIKJARAZZJONI TAS-SUSTANZA(I) ATTIVA(I) U INGREDJENT(I) OĦRA

Kull doża ta' 2 ml ta' emulsjoni fiha:

Sustanzi attivi:

Antiġeni purifikati, inattivati tal-istress tal-vajrus tal-marda tal-ilsien u d-dwiefer, mill-inqas 6 PD₅₀* fil-baqar għal kull strejn

*PD₅₀ – 50% doża protettiva fil-baqar kif deskritta fil-monografu Ph.Eur. 0063.

In-numru u t-tip ta' stress inklużi fil-prodott finali għandhom jiġu adattati għas-sitwazzjoni epidemjoloġika attwali f'dak il-waqt li jkun formulat il-prodott finali u jiġu murija fuq it-tikketta.

Aġġuvant:

Paraffin likwidu 537 mg.

Emulsjoni bajda wara li titħawwad

4. INDIKAZZJONI(JIET)

Immunnizzazzjoni attiva tal-baqar, nagħaġ u ħnieżer, 'il fuq minn ġimagħtejn kontra l-marda tal-ilsien u d-dwiefer biex tnaqqas sinjali kliniċi.

Bidu tal-immunità

Baqar u nagħaġ: 7 jjiem wara t-tilqim.

Ħnieżer: 4 ġimgħat wara t-tilqim.

5. KONTRAINDIKAZZJONIJIET

Xejn.

6. EFFETTI MHUX MIXTIEQA

Kien hemm nefħa (dijametru sa' 12 cm f'animali li jixtarru u 4 cm fil-ħnieżer) b'mod komuni ħafna fil-maġġor parti tal-animali. Dawn l-effetti normalment jgħaddu waħedhom fi żmien 4 ġimgħat wara t-tilqim, iżda jistgħu jipersistu iżjed fit-tul f'numru żgħir ta' animali. Ġiet osservata b'mod komuni żieda ħafifa fit-temperatura tar-rektum sa' 1.2° għal 4 ijiem wara t-tilqim bl-ebda sinjali oħra kliniċi ġeneralizzati.

Il-frekwenza ta' effetti mhux mixtieqa hija definita skont din il-konvenzjoni:

- komuni ħafna (aktar minn wieħed f' 10 animali li juru effett(i) mhux mixtieq(a) matul il-perjodu ta' kura waħda)
- komuni (aktar minn wieħed iżda inqas minn 10 animali f' 100 animal)
- mhux komuni (aktar minn wieħed iżda inqas minn 10 animali f' 1,000 animal)
- rari (aktar minn wieħed iżda inqas minn 10 animali f' 10,000 animal)
- rari ħafna (inqas minn animal wieħed f' 10,000 animal, inklużi rapporti iżolati).

Jekk tinnota xi effetti serji jew effetti oħra mhux imsemmi a f'dan il-fuljett, jekk jogħġbok informa lit-tabib veterinarju tiegħek.

7. SPEĊI LI GĦALIHOM HUWA INDIKAT IL-PRODOTT

Baqar, nagħaġ u ħnieżer

8. DOŻA GĦAL KULL SPEĊI, MOD(I) U METODU TA' AMMINISTRAZZJONI

L-ewwel kors ta' vaċċinazzjoni:

Baqar 'il fuq minn ġimagħtejn: doża ta' 2 ml, għall-użu taħt il-ġilda

Nagħaġ 'il fuq minn ġimagħtejn: doża ta' 2 ml, għall-użu taħt il-ġilda

Ħnieżer 'il fuq minn ġimagħtejn: doża ta' 2 ml, għall-użu ġol-muskoli

L-użu ta' tagħmir li bih tista' tingħata injezzjoni multipla huwa rakkomandat.

Vaċċinazzjon mill-ġilda: kull 6 xhur.

Meta animali għandhom jitlaqqmu bil-preżenza ta' antikorpi derivati mill-omm, tilqim mill-ġdid ta' 8 sa' 10 ġimgħat huwa rrikmandat.

9. PARIR SABIEX TAMMINISTRA B'MOD KORRETT

Orog enizza l-kontenut tal-fjala billi tħallat bil-mod qabel iddaħħal il-labra. Dan l-aħjar tagħmlu billi aqleb il-fjala diversi drabi ta' taħt fuq.

Tħallatx il-vaċċin billi tħawwad b'mod qawwi għax dan iwassal biex jinqabdu b'zieaq tal-arja.

Issaħħanx il-prodott qabel l-użu.

Applika l-proċeduri asettivi tas-soltu. Evita kontaminazzjoni tal-vaċċin wara li jinfetaħ għall-ewwel darba u waqt l-użu.

10. PERJODU(I) TA' TIŻMIM

Xejn.

11. PREKAWZJONIJIET SPEĊJALI GĦALL-ĦAŻNA

Żomm fejn ma jidhirx u ma jintlaħaqx mit-tfal

Aħżen u ttrasporta ġo friġġ (2 °C – 8 °C).*

Tagħmlux fil-friża

Ipproteġi mid-dawl.

Tużax dan il-prodott mediċinali veterinarju wara d-data ta' skadenza murija fuq il-tikketta wara SKADENZA

Żmien kemm idum tajjeb wara li jinfetaħ l-ippakkjar li jmiss mal-prodott: uża immedjatament.

12. TWISSIJIET SPEĊJALI

Twissijiet speċjali:

għal kull speċi li għaliha hu indikat il-prodott: Laqqam animali f'saħħithom biss.

Antikorpi derivati mill-omm jistgħu jinterferixxu mat-tilqim. I-ġi keda għandha tiġi aġġustata kif meħtieġ (ara sezzjoni (dożaġġ)).

Meta ħnieżer żgħar ħafna (ta' ġimagħtejn) għandhom jinfetħu, tilqim mill-ġdid ta' 8 sa' 10 ġimgħat huwa rrikmandat.

Prekawzjonijiet speċjali li għandhom jittieħdu mill-persuna li tamministra l-prodott mediċinali veterinarju lill-animali:

Għal min se juża:

Dan il-prodott mediċinali veterinarju fih żejt minerali. Injezzjoni bi żball jew jekk tinjetta lilek innifsek bi żball jista' jirriżulta f'uġiġġ kbir u nefħa speċjalment jekk tinjetta f'ġog jew saba' u f'każijiet rari jista' jkun li titlef subgħak jekk ma tingħatax għajnuna medika mill-ewwel.

Jekk tiġi injettat bi żball b'dan il-prodott mediċinali veterinarju, fittex għajnuna medika mill-ewwel, anke jekk ġie njetat ammont żgħir nafna, u hu l-fuljett ta' tagħrif miegħek.

Jekk l-uġiġġ idum għal aktar minn tna-x-il siegħa, wara l-eżami mediku, erga' hu parir mediku .

Għat-tabib:

Dan il-prodott mediċinali veterinarju fih żejt minerali. Anke jekk ġew injettati ammonti żgħar, injezzjoni bi żball ta' dan il-prodott tista' tikkawża nefħa intensa, li tista' per eżempju tikkawża nekrożi iskimika u anke l-ożonn li jinqata' xi saba'. Attenzjoni, FIL-PRONT, minn kirurgu espert hi meħtieġa u jista' jkun hemm b'żonn li jinfetaħ is-saba' u tiġi irrigata l-parti fejn seħħet l-injezzjoni, speċjalment fejn hemm infaħam tas-saba' jew l-għerq tal-muskolu.

Tqala:

Jista' jntuża waqt it-tqala.

Treddiġġ:

Is-sigurtà tal-prodott veterinarju mediċinali ma ġietx stabbilita waqt it-treddiġġ. Uża biss skont kif il-veterinarju responsabbli jqis il-benefiċċju / riskju tal-prodott.

Interazzjoni ma' prodotti mediċinali oħra jew forom oħra ta' interazzjoni:

M'hemmx informazzjoni dwar is-sigurtà u l-effikaċja ta' dan il-vaċċin jekk jintuża flimkien ma' kwalunkwe prodott mediċinali veterinarju ieħor. Id-deċiżjoni sabiex jintuża dan il-vaċċin qabel jew wara xi prodott mediċinali veterinarju ieħor, għaldaqstant għandha tittieħed każ b'każ.

Doża eċċessiva (sintomi, proċeduri ta' emerġenza, antidoti):

L-ebda effett mhux mixtieq ħliet dawk imsemmija f' sezzjoni "effetti mhux mixtieqa" ma ġie osservat wara l-ġhotja ta' doża doppja lill-ġhoġiela, ħrief u drafeġ. F'xi każi jista' jkun hemm xi ulċerazzjoni fil-post tal-injezzjoni. Wara l-ġhotja ripetuta f' intervalli qsar, l-intensità u l-frekwenza ta' dawn l-effetti tista' tiżdied.

Inkompatibilitajiet maġġuri:

Tħallatx ma' prodotti mediċinali veterinarji oħra.

13. PREKAWZJONIJIET SPEĊJALI DWAR RIMI TA' PRODOTT MHUX UŻAT JEW MATERJAL IEĦOR GħAR-RIMI, JEKK IKUN IL-KAŻ

Mediċina veterinarja li ma ġietx użata jew prodotti oħra li ntużaw għal din il-mediċina għandhom jintremew skont kif jitolbu r-regolamenti tal-pajjiż.

14. DATA META ĠIE APPROVAT L-AĦĦAR IL-FULJETT TA' TAGĦRIF

Informazzjoni dettaljata dwar dan il-prodott mediċinali veterinarja tinstab fuq il-websajt tal-Aġenzija Ewropea dwar il-Mediċini <http://www.ema.europa.eu/>.

15. TAGĦRIF IEĦOR

Biex jistimola immunità attiva fil-baqar, nagħaġ u ħnieżer kontra l-antiġeni purifikati, inattivati tal-istrejn tal-vajrus tal-marda tal-ilsien u d-dwiefer kif relatati ma' dawk tal-vaċċin.

Fil-provi ġie muri dan li ġej:

Tilqim ta' baqar bl-istrejns O1 Manisa, O1 BFS, A22Iraq, A24 Cruzeiro, A Turkey 14/98 Asia 1 Shamir u SAT2 Għarabja Sawdita wassal għal tnaqqis fis-sinjali kliniċi f'annimali esposti għall-infezzjoni.

Tilqim ta' nagħaġ bl-istrejn O1 Manisa wassal għal tnaqqis fis-sinjali kliniċi f'annimali esposti għall-infezzjoni.

Tilqim ta' ħnieżer bl-istrejn Asia 1 Shamir wassal għal tnaqqis fis-sinjali kliniċi u tixrid tal-vajrus f'annimali esposti għall-infezzjoni. Tilqim ta' ħnieżer bl-istrejns O Taiwan 3/97 u A22 Iraq wassal għal tnaqqis fis-sinjali kliniċi f'annimali esposti għall-infezzjoni.

L-antiġeni inattivati tal-marda tal-ilsien u d-dwiefer huma ppurifikati u ma fihomx ammonti suffiċjenti ta' *non-structural proteins* (NSP) biex jinduċi rispons tal-antikorp wara l-ġhotja ta' vaċċin trivalent li fih ammont ta' antigen li jikkorrispondi ma' mill-inqas 15 PD₅₀ għal kull strejn għal kull doża ta' 2 ml.

L-ebda antikorp għal NSP ma ġie misjub meta ntuża t-test kit PrioCHECK® FMDV NS:

- fil-baqar wara l-ġhotja ta' doża doppja segwita minn doża waħda 7 ġimġhat wara u t-tielet tilqima b' doża waħda 13-il ġimġha wara t-tieni doża,
- fin-nagħaġ wara l-ġhotja ta' doża doppja segwita minn doża waħda 5 ġimġhat wara u t-tielet tilqima b' doża waħda 7 ġimġhat wara t-tieni doża,
- fil-ħnieżer wara l-ġhotja ta' doża doppja segwita minn doża waħda 3 ġimġhat wara u t-tielet tilqima b' doża waħda 7 ġimġhat wara t-tieni doża.

Daqsijiet tal-pakkett:

Kaxxa tal-kartun bi flixxkun ta' 10, 25, 50, 100 jew 150 doża.

Kaxxa tal-kartun b' 10 fliexken ta' 10, 25, 50, 100 jew 150 doża.

Mhux id-daqsijiet kollha tal-pakkett jistgħu qegħdin fis-suq.

L-użu ta' dan il-prodott veterinarju mediċinali huwa permess biss skont il-kundizzjonijiet partikolari stabbiliti permezz tal-leġislazzjoni tal-Komunità Ewropea dwar il-kontroll tal-marda tal-ilsien u d-dwiefer.

Prodott mediċinali li m'għadux awtorizzati